FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR l-1 T'AWISSU 2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
JOSEPH CARUANA
MASSIMO VELLA
DANIEL CHIRCOP

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Caruana ta' 45 sena bin il-mejjet Carmel u Josephine nee Farrugia imwieled fiz-Zurrieq fis-17 ta' Lulju 1955 u li joqghod 100, Triq Guze D'Amato, Rahal Gdid, detnetur tal-karta tal-identita bin-numru 546155(M), Massimo Vella ta' 25 sena bin Nazzareno u Alice nee sirol imwieled Attard fit-28 ta' Novembru, 1974 u li joqghod 16, Triq Guze D'Amato Rahal Gdid detentur tal-karta tal-identita bin-numru 169875(M) u Daniel Chircop ta' 21 sena bin Raymond u Rita nee Attard imwieled Pieta fl-1 ta' Jannar 1979 u li joqghod 20, Triq Inverness, Rahal Gdid detentur ta' karta tal-identita numru 32779(M) talli f'Wied il-Ghajn fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2000 ghal habta ta' nofs il-lejl mill-hanut bl-isem Pixxina Restaurant, ikkommettew serq ta' diversi flixken ta' xorb alkoholiku u flus kontanti ghad-dannu ta' Giuseppi Falzon minn Santa Venera liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, valur li ma jecedix l-elf lira maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu serq ta' diversi oggetti ohra mill-istess hanut, wrew dan il-hsieb billi b'ati esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom. Liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Lil Joseph Caruana wahdu, talli sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali, that liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tas-26 ta' Lulju 2001 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2001 fejn l-imputati Vella u Caruana ammettew ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-26 ta' Lulju 2001 fejn l-imputat Chircop ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati kollha hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza bit-tielet akkuza assorbita, u lil Joseph Caruana hati wkoll tar-raba akkuza.

Wara li rat Art 261(A)(C)(F), 262, 267, 270, 276, 279 41(1)(a), 334, 49, 50, 28A tal-kap 9, Art 9 tal-kap 152 tikkundanna lill-imputati Caruana u Vella ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u tillibera lil-imputat Chircop bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.